# IS-SURMAST ANTON MUSCAT AZZOPARDI A.Mus, LCM

minn PIERRE PACE GAUCI, Bandist Żagħżugħ



Nhar il-Ħadd, 27 ta' Novembru, 1932 eżatt sittin sena ilu, is-Surmast Anton Muscat Azzopardi dderiġa l-Banda Sant'Andrija għall-ewwel darba. Dan kien il-bidu tal-karriera twila u kontinwa ta' sitta u erbgħin sena mal-banda tagħna.

Malli huwa ħa d-direzzjoni tal-banda, kellu jipprepara għall-programm tal-Ħamsin Anniversarju tal-banda. Din l-okkażjoni tal-Ġubilew tad-Deheb tal-każin kienet ukoll okkażjoni tad-deheb għas-Surmast Muscat Azzopardi. Nistgħu ngħidu li kienet il-bidu tal-karriera tiegħu ma' ħafna baned Maltin, fosthom il-banda L'Isle Adam tar-Rabat li dam jidderiġiha għall-żmien twil ukoll.

Fi żmien il-gwerra dinjija ta' bejn l-1939 u l-1945, is-Surmast Muscat Azzopardi b'diffikultà kbira kompla fil-ħidma tiegħu jgħallem il-mużika liż-żgħażagħ fil-każin tagħna. Ħidma li minn dejjem issokta b'imħabba kbira lejn il-mużika nfisha u lejn il-banda li fiha kien jaf kemm kien maħbub. B'xorti tajba għalih, is-Surmast Muscat Azzopardi dderiġa l-programm tal-ħamsa u sebgħin anniversarju tal-banda tagħna. Iżda fil-festa ta' Sant'Andrija fl-1978, is-Surmast Muscat Azzopardi dderieġa għall-aħħar darba l-banda tagħna. Waqt l-istess programm għadda d-direzzjoni tal-banda lis-Surmast Paul Schembri.

Is-Surmast Muscat Azzopardi kien magħruf ukoll għat-tagħlim tal-vuċi. Fost il-kantanti ċelebri li studjaw għandu, nsibu lit-tenuri Oreste Chircop u Paul Axiaq, kif ukoll lis-sopran Hilda Tabone.

Is-Surmast Muscat Azzopardi bin Wenzu u Emilja twieled fit-23 ta' Awissu, 1903 f'Ħal Qormi. Hu miet fit-8 ta' Diċembru, 1979. Fil-funeral ħadu sehem il-baned L'Isle Adam u Sant'Andrija. Il-Kav. Surmast Muscat Azzopardi għadu maħbub sal-lum u l-memorji tiegħu huma miżmuma b'għożża kbira fil-każin tagħna.